MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 510/2004

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**O & M Management Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn mitejn tmienja u tletin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm2,238.76) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta konvenuta in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 9984 1160.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat mal-avviz u tal-interessi kontra s-socjeta' konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz f'dan l-avviz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Wara li semghet lil Sonja Falzon in rappresentanza tal-Ufficju Postali tal-Gzira (fol 19 u 20 tal-atti) kif ukoll id-digriet taghha moghti fit-13 ta' Lulju 2005 in rigward tal-artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (ara fol 13, 14, 21 u 22 tal-istess atti).

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm hekk notifikata regolarment u skond il-ligi, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fil-31 ta' Ottubru 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2238.76,0 bl-imghax legali mill-24 ta' Settembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tal-24 ta' Settembru 2004 imsemmi fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------